**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 593/16 CZ**

**Tecno Marine Holdings Limited (C 40771)**

**vs.**

**Ray Micallef (ID 219958 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-16 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha premettiet:

Illi l-ammont mitlub jirraprezenta bilanc minn somma akbar li tinsab dovuta ghal servizzi ta' *storage* ta' dghajsa u servizzi ohra rezi mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali datata l-ewwel (1) ta' Dicembru 2016 u bl-interessi legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' decizjoni tat-22 ta' Mejju 2017 it-Tribunal iddikjara lill-konvenut kontumaci, u ghaldaqstant gew sfilzati r-risposta u kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi s-socjeta' attrici strahet fuq il-provi migjuba u illi l-konvenut ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza li fiha s-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal servizzi ta' hazna ta' dghajsa u karru, u kif ukoll ghal servizzi relatati mal-varar u l-manutenzjoni ta' l-istess dghajsa appartenenti lill-konvenut.

Illi xehed **Charles Schembri**, direttur tas-socjeta' attrici, illi qal li huwa s-sid tas-socjeta' attrici. Din is-socjeta' tiehu hsieb id-dghajjes tan-nies u jaghmlulhom il-manutenzjoni,

itellghu u jnizzlu l-opri tal-bahar. Is-socjeta' ghandha wkoll l-art u post iehor fejn jinzammu d-dghajjes. Id-dghajjes izommuhom bhala storage ghax-xitwa. Il-konvenut kien klijent li anke xtara opra tal-bahar minghand is-socjeta' attrici. Id-dghajsa kien jisimha Thunder Bird II. Kienu jzommu din id-dghajsa matul ix-xitwa flimkien mal-karru, fil-mahzen tas-socjeta' attrici. Kienu wkoll jaghmlu servizz ta' zebgha u *polish* minn taht u meta l-konvenut kien jasal biex ivara d-dghajsa kien javzahom li kien ser ivara u kienu anke jnizzlu l-istess dghajsa fil-bahar bil-vettura taghhom. Is-socjeta' attrici ilha taghtieh dawn is-servizzi minn mindu xtara d-dghajsa u cioe' ilu erba' snin u anke fuqhom. Mill-ewwel darba li ttelghet mill-bahar id-dghajsa u nbieghhitlu baqghet tinzamm ghand is-socjeta' attrici u kienu jaghtuh is-servizzi relattivi ghas-snin kollha li baqghu izommuhielu.

Illi l-ammont li qed jitnalab fil-kawza u cioe' elfejn mitejn u tnejn u erbghin ewro (€2,242) jirrapprezenta bilanc minn kont li kien datat hamsa (05) ta' Gunju, elfejn u erbatax (2014). Parti minn dan il-kont kien fil-fatt hallsu. Ix-xhud kien varalu d-dghajsa u l-konvenut kellu jhallas seba' mitt ewro (€700) u dan qatt ma hallashom. Fil-fatt il-karru baqa' ghand il-konvenut. Ix-xhud qal ukoll li l-konvenut ghandu wkoll ihallas ghall-hazna minn Mejju tal-elfejn u hmistax (2015) sa April tal-elfejn u sbatax (2017) li jammonta ghal elf u mitejn ewro (€1,200) u f'dan il-punt irrefera ghall-istorage tal-karru - b'hekk it-total jigi elf u disa' mitt ewro (€1,900), oltre l-VAT ta' tliet mija u tnejn u erbghin ewro (€342). Minn dak iz-zmien id-dghajsa baqghet ma ttellghatx ghand is-socjeta' attrici, izda l-karru baqa' hemm matul dan iz-zmien kollu, li qed jokkupa spazju daqs dghajsa. Qal ukoll illi hu l-kuntratti tal-kera jaghmilhom mill-ewwel (01) ta' Mejju ta' sena partikolari sat-tletin (30) t'April tas-sena ta' wara sabiex il-persuna nvoluta thallasu meta hu jvara d-dghajsa. L-ammont li qed jitlob ikopri sad-data tas-sbatax (17) t'April tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Illi t-Tribunal ra wkoll id-dokumenti esebiti minn dan ix-xhud, disa' b'kollox. Fil-fatt esebixxa rendikont spejgattiv ta' dak li qed titlob is-socjeta' attrici, esebixxa wkoll il-

kuntratti li s-socjeta' attrici ghamlet mal-konvenut relattivi ghas-snin 2013-14, u 2014-15, ittra legali ta' l-1 ta' Dicembru 2016, kif ukoll sensieli ta' SMS li juru li l-konvenut kien accetta li jhallas dak dovut izda kien qed jitlob aktar zmien.

Illi l-konvenut huwa kontumaci u ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet.

**Illi t-Tribunal ikkonsidra s-segwenti:**

Illi f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kontumacja it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras tal-31 ta' Jannar, 2003 Cit Numru 1627/1996/1 fl-ismijiet: *Il-Kummissarju tal-Artijiet vs John Curmi* fejn il-Qorti rriteniet li huwa minnu li l-konvenut li jibqa' kontumaci ma jfissirx li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil- kawza jew li ammetta ddomanda. (Vol. XXIX P III p 35); Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza recensjuri, l-istitut tal-kontumacja hu intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min gie citat biex jersaq quddiem il-Qorti ("*Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi*", Appell, 13 ta' Lulju 2001); Ghalhekk sta ghall-Gudikant biex jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta lit-Tribunal illi s-socjeta' attrici verament ipprestat is-servizzi taghha kif deskritti mix-xhud Charles Schembri. Fil-fatt il-konvenut dan irrikonoxxieh fil-messaggi mibghuta minnu. L-uniku punt li jidher li kien qed jikkontesta l-konvenut kien illi s-socjeta' attrici kienet qed titolbu hlas ghas-sena 2016 sa 2017, u dan meta kien

qal lill-istess socjeta' li ma kienx ha juza aktar is-servizzi taghha. Apparti li din l-allegazzjoni tal-konvenut ma gietx pruvata, ix-xhud Charles Schembri kien wiegeb ghal dik il-lanjanza billi kien qal illi s-socjeta' attrici kienet ghadha qed izzomm il-karru tal-konvenut, li kien jokkupa spazju daqs dghajsa.

Illi fuq kollox il-konvenut innifsu, lejn l-ahhar messagg li baghat, kien qed jirrikonoxxi illi ghandu jhallas, izda kien qieghed minn darba ghal ohra jghid li ghandu bzonn iktar zmien, daqqa ghax siefer, daqqa ohra ghax ma kienx ircieva l-investiment li mmaturalu, u ghal ragunijiet ohra, li l-ebda minnhom m'huma gustifikabbli.

Illi lit-Tribunal ghalhekk irrizultalu illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jintlaqghu fl-intier.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba in vista ta' dak imsemmi hawn fuq, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u erbghin Euro (€2,242). L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, filwaqt li l-imghax ghandu wkoll jithallas mill-konvenut u ghall-fini ta' kalkolu ghandu jibda jiddekorri mill-20 ta' Gunju 2016, li hija d-data li fiha ntbaghat l-istatement lill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur